MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 428/2000/1

**Filomena ELLUL**

**vs**

**Carmel *sive* Charles ELLUL**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Marzu, 2000, li bih l-attriċi ippremettiet:

Illi l-kontendneti huma miżżewġin lil xulxin u hemm bejniethom is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi minħabba disġwid matrimonjali, huma pendenti bejn il-partijiet proċeduri kontenzjusi għas-separazzjoni personali;

Illi l-partijiet huma *de facto* separati;

Illi fl-assi tal-komunjoni hemm Villa fi stat ta' kostruzzjoni, b'appartament sottopost, garaxx u store kbir, liema Villa tinsab fi triq ġdida bla isem, li tisbokka fi Triq Burġi, High Ridge limiti tal-Madliena, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi f'din il-proprjeta' hemm ukoll oġġetti li jappartjenu lill-kontendenti bejniethom;

Illi nhar il-Gimgħa, tlieta (3) ta' Marzu tas-sena korrenti, l-attriċi irrekat ħdejn din il-proprjeta' u sabet li l-konvenut, vjolentement, klandestinament u mingħajr ebda awtorizzazzjoni u kunsens tagħha, kien iċċirkonda il-Villa b'mod li l-attriċi m'għandhiex aċċess għal gol-proprjeta';

Illi dan laġir da parti talk onvnuty jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil –konfront talattriċi li hija intitolata li jkollha aċċess għal proprjeta' u għall-ħwejjigha u li tiġi reintegrata filpu ssess;

Illi l-attriċi hija kostretta li tippresenta din l-azzjoni sabiex ma tkomplix tiġi spussessata minn ħwejjigha u mill-proprjeta li minnha għandha sehem indiviz;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut b'għemilu fuq imsemmi, ikkommetta spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tal-attriċi ai termini tal-Artikoli 534 *et seq*. tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju illi jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jispurga l-ispoll hekk minnu kommess u jirreintegra l-attriċi fil-pussess tal-Villa li tinsab fi triq ġdida bla isem, li tisbokka fi Triq Burġi, High Ridge limiti tal-Madliena, inkluz l-appartament, store u garaxx, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, kif ukoll tal-oggetti mobbli li kienu hemm maħzuna, li klandestinament, vjolentement u mingħajr il-kunsens tal-attriċi ġiet ostruzzjonata fil-pussess u tgawdija tagħhom mill-konvenut, u dana ukoll billi l-konvenut jikkonsenja lill-

istess attriċi fiż-żmien lilu prefiss iċ-ċavetta jew ċwievet kollha li jagħtu aċċess għall-Villa, appartament, store u garaxx għall-komoditajiet kollha f'din l-istess proprjeta' fuq deskritta;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut ingunt minn issa stess għas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attriċi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fis-17 ta' Lulju, 2000, li biha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attriċi jeħtieġilha tipprova illi jezistu l-kostituttivi kollha għall-proponiment tal-azzjoni ta' spoll;

2. Illi f'kull każ l-eċċipjenti ma kkomettew l-ebda spoll;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' Novembru, 2000, illi bih u fuq talba tal-attriċi ordnat illi jiġu mehmuża mal-atti ta' din il-kawża l-atti tar-Rikors numru 522/00GC għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 869/00 degretat fl-14 ta' Lulju, 2000;

Semgħet il-provi tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-30 ta' Jannar, 2001, fejn il-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jippruvaw jaslu fi ftehim barra l-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-29 ta' Marzu, 2001, li bih il-partijiet għarrfu lill-Qorti li ma rnexxilhomx jaslu fi ftehim u għalhekk il-kawża kellha tkompli miexja;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet li ġiet traskritta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 t'Ottubru, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***IKKUNSIDRAT:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll privileġġjat. L-attriċi tgħid li żewġha, l-imħarrek, għalaqha barra milli tidħol f'ġid tagħhom it-tnejn kontra r-rieda tagħha. L-imsemmi ġid jikkonsisti f'villa li għadha fi stat ta' ġebel u saqaf u li l-partijiet kienu qed jaħsbu biex jagħmulha d-dar matrimonjali tagħhom. Sakemm kien għaddej il-bini ta' l-imsemmija dar, inqalgħu problemi fiż-żwieg bejn l-attriċi u żewġha. Fil-bidu ta' Marzu tal-2000, inzertat għaddejja minn quddiem l-imsemmija villa, li tinsab fil-Madliena, u ntebhet li kienu saru xi xtiebi mal-ħajt ta' barra. Fuq proċeduri mehuda mill-attriċi biex, fost l-oħrajn, iżżomm lill-imħarrek milli jidħol f'xi parti mill-imsemmi post, din il-Qorti diversament presjeduta ħarget mandat ta' inibizzjoni. L-attriċi tgħid li minkejja tali mandat, l-imħarrek sakkar il-parti t'isfel tal-post u daħal jghix fih flimkien ma' ż-żewġ uliedu, u qiegħed iċaħħadha milli tidħol fl-istess ambjenti;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li ma wettaq l-ebda spoll u wkoll billi qed jgħid li l-attriċi għanda tipprova li jeżistu l-elementi kollha skond il-liġi biex tagħmel l-azzjoni tagħha;

Illi mill-<u>provi li joħorgu mill-atti tal-kawża</u> u minn dawk fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi jirrizulta illi l-post mertu tal-każ huwa proprjeta' tal-kumpannija CEF (Trading) Company Limited u jinsab fil-Madliena limiti tan-Naxxar. L-attriċi u żewġha huma d-diretturi tal-imsemmija kumpannija li l-ishma tagħha huma maqsuma indaqs bejniethom. Illi l-villa mertu tal-każ inbniet fuq art mixtrija

mill-kumpannija fl-10 ta' Settembru, 1992[1]. Il-bini ta' din il-villa kien qed jiġi finanzjat b'self miksub mill-kumpannija b'kuntratt ieħor tal-istess data[2] u kif ukoll mill-prezz tal-bejgħ tad-dar taż-żwieġ li l-partijiet kellhom qabel. Sa ma nqalgħu il-problemi bejn il-partijiet, ħadd minnhom ma kien għadu mar joqgħod fil-villa li kienet għadha qegħda tinbena. L-imħarrek fetaħ proċeduri għas-separazzjoni personali fl-1997, għal liema proċeduri l-attriċi fil-kawża tallum ressqet kontro-talba. Il-partijiet jgħixu għal rashom. L-attriċi toqgħod f'post f'Ħal Għargħur, li hu ta' qarib tagħha;

Illi l-kumpannija CEF (Trading) Company Limited kienet laqghet ordnat mingħand il-kumpannija FGP Limited xi bibien u apparat tal-ftuħ u l-egħluq tagħhom f'Lulju tal-1996[3] u jidher li sa' Jannar, 1997, din l-ordni kienet twettqet[4]. B'ordni magħmul f'xi żmien qrib Lulju tal-1999 mill-imħarrek, ġew ordnati xi xtiebi tal-metall għall-imsemmija villa. L-imħarrek jgħid li dawn twaħħlu fil-post fit-3 ta' Jannar, 2000[5]. L-attriċi rat l-imsemmija xtiebi l-ewwel darba fit-3 ta'Marzu, 2000 u fetħet din il-kawza fis-7 ta' Marzu, 2000;

Illi bħala xiehda barranin mill-partijiet tressqu żewg persuni. L-ewwel wieħed, Jesmond Deguara[6], xehed dwar meta twaħħlu il-bibien tal-garaxx tal-villa u l-muturi li jħaddmuhom. It-tieni wieħed, John Bennetti[7], xehed dwar l-ordni u l-konsenja tax-xtiebi li saru mad-daħla tal-villa. Ix-xhud fisser li kien hu illi waħħal l-imsemmija xtiebi mal-post u kif l-imħarrek kien ipprovdielu d-dawl mill-garage tal-istess post. Bennetti jgħid li x-xatba waħħalha fil-post fit-3 ta' Jannar, 2000;

Illi mix-xhieda li tat l-attriċi quddiem din il-Qorti[8], jirrizulta li hija ma kinitx preżenti meta twaħħlu x-xtiebi u lanqas kienet ġiet mgħarrfa illi kienu ser isiru. Ma kienetx

---

[1] Dok. 1 pagni 14 sa' 19 fl-atti tar-rikors 522/00GC
[2] Dok. 2 f'paġġ. 20-4 fl-atti tar-rikors 522/00GC
[3] Dok. "CE1" f'paġ. 33 tal-proċess
[4] Dok. "CE2" f'paġ. 34 tal-proċess
[5] Dok. "CE3" pagna 35 tal-proċess, li l-oriġinal tagħha huwa imressaq bħala Dok "JDX" f'paġ. 57 tal-proċess
[6] Xhieda 21.03.02 f'pagni 47 - 48 tal-proċess
[7] Xhieda 21.03.02 f'pagni 50 – 53 tal-proċess
[8] Xhieda 15.11.00 pagna 19 tal-proċess

f'qagħda lanqas li tgħid meta kienet għaddiet l-aħħar minn quddiem il-post qabel ma rathom l-ewwel darba fit-3 ta' Marzu 2000. Reġgħet għaddiet minn quddiem il-post fl-20 ta' Marzu, 2000, (jiġifieri wara li kienet diġa' fetħet din il-kawża u wara li kienet talbet u kisbet il-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni) u rat il-vann tal-imħarrek (jew aħjar, tal-kumpannija tagħhom) wara l-bieb;

Illi min-naħa tiegħu l-imħarrek, wara li fisser xi ċirkostanzi dwar l-iżvilupp tal-villa għas-snin minn mindu nxtrat l-art sal-1999 (li ma humiex ta' relevanza partikolari għall-finijiet ta' din il-kawża), jgħid b'mod kategoriku li x-xtiebi twaħħlu fil-post fit-3 ta' Jannar, 2000[9], ingħata ċwievet għalihom u lill-attriċi m'għaddielhiex kopji tagħhom;

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tagħmel <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jirrigwardaw il-każ u tqis kif dawn japplikaw għall-azzjoni attriċi. L-azzjoni mibdija mill-attriċi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess ta' dak li jkun;

Illi l-għażla ta' liema azzjoni tinbeda hija mħollija f'idejn min jagħmel il-kawża, u ladarba min jiftaħ kawża jfassalha fuq elementi partikolari, mhux imħolli lill-Qorti li tagħżel x'rimedju ieħor messu fittex l-attur. F'dan il-każ, kif jingħad fl-Att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, l-azzjoni magħżula hija dik ta' spoll;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[10] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-

---

[9] Xhieda Carmel Ellul 30.10.2001 f'paġ. 39 tal-proċess

[10] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)

pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn meta jsir l-att ta' spoll;

Illi dwar <u>l-ewwel element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[11]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[12], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[13] u dak tal-ispoll[14]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[15];

Illi f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-attriċi kellha l-aċċess għal u għalhekk ukoll il-pussess tal-ambjenti ta' madwar il-villa mertu tal-każ fi grad qawwi u meħtieġ biex isejjes din l-azzjoni. Ma huwiex daqstant ċar jekk jistax jingħad illi hi kellha ukoll l-aċċess għal u għalhekk il-pussess tal-ambjenti t'isfel ta' ġewwa ta' l-istess villa. Dan jingħad għaliex għalkemm l-attriċi qalet li kienet għaddiet xi drabi matul l-aħħar snin minn quddiem il-villa, la daħlet fiha u lanqas uriet li ippruvat tagħmel dan. Minbarra dan, waqt li kienu qegħdin isiru is-sottomissjonijiet tal-għeluq quddiem il-Qorti, kienet l-abbli difensur tal-attriċi li fissret li l-azzjoni attriċi kienet immirata għall-kisba mill-ġdid tal-pussess tal-ambjenti ta' madwar il-villa. Dan il-fatt ittratta dwaru wkoll l-abbli difensur tal-imħarrek;

Illi, b'żieda ma' dan jingħad li kienet l-attriċi stess li xehdet[16] li l-bieb tal-garaxx u l-bieb l-ieħor li minnu wieħed jista' jidħol fil-villa kienu ġew magħluqa sa minn Frar tal-1999. Dan huwa wisq żmien qabel ma tressqet din il-kawża biex jista' jkun utli għaliha biex turi li hija kellha wkoll il-pussess tal-ambjenti ġewwiena tal-villa. Min-naħa l-oħra, billi l-ambjenti ta' madwar il-villa konsistenti fid-*drive-in* u fit-taraġ ewlieni li jagħtu għall-ambjenti ta'

---

[11] App.: **26.1.1996** fil-kawż\a fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[12] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[13] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[14] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J.Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata)*;*
[15] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[16] Xhieda Filomena Ellul 15.11.00 f'paġ. 18

ġewwa tal-villa jagħmlu parti minn ġid li tiegħu l-attriċi seta' kellha l-pussess qabel ma twaħħlu x-xtiebi, fuq dan il-fatt biss l-ewwel element ta' l-azzjoni ta' spoll jista' jitqies imwettaq. Huwa possibbli li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm ċaħda parzjali ta' pussess[17];

Illi jirriżulta wkoll li l-pussess tal-attriċi imur lil hinn minn wieħed ta' żamma prekarja jew b'tolleranza. Hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[18]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa[19] jekk ma tkunx tidher mad-daqqa t'għajn;

Illi, dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[20]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[21];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebaħ bih[22];

Illi f'dan il-każ, intwera li l-għamil li minnu tilmenta l-attriċi seħħ għal kollox kontra r-rieda tagħha u minn wara daharha. Wara li sar ix-xogħol ta' tqiegħid tax-xatba, l-attriċi baqgħet ma ngħatatx kopja taċ-ċavetta u għalhekk iċ-ċaħda tagħha ta' aċċess għall-ambjenti tal-villa li tagħhom kellha l-pussess baqgħet ma ġietx rimedjata;

---

[17] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)
[18] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)
[19] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[20] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[21] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe*** (mhix pubblikata)
[22] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)

Illi m'hemmx dubju lanqas li x-xogħlijiet saru b'għarfien jew fuq struzzjonijiet tal-imħarrek. Dan il-fatt jistqarru huwa nnifsu u kif ukoll ix-xiehda li ressaq hu dwar l-ordnijiet li kien għamel. Huwa minnu li l-abbli difensur tal-imħarrek issottometta li ma ntweriex sewwa jekk l-għamil sarx mill-imħarrek jew mill-kumpannija sid tal-villa: u ħoloq l-argument li l-awtur tal-għamil impunjat mill-attriċi seta' ma kienx il-klijent tiegħu. Dwar dan l-argument, il-Qorti hija tal-fehma li ntwera wkoll li l-imħarrek tkellem personalment man-nies li ġew jagħmlu x-xogħol fil-post u li kien hemm meta x-xogħlijiet saru. Jiġifieri, sehem l-imħarrek intwera ċar ukoll jekk, għal raġunijiet tekniċi jista' wieħed jaħseb li teknikament tali xogħlijiet saru f'ġid li hu ta' persuna ġuridika. Imbagħad, wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh li l-għamil tal-ispoll huwa mfisser bħala "delitt ċivili" u huma l-persuni fiżiċi u mhux dawk morali li, huma stess jew permezz ta' terzi, jistgħu jagħmlu atti illeċiti[23]. Dan kollu jwassal biex il-Qorti ssib li t-tieni element ukoll tal-azzjoni attriċi ġie pruvat kif imiss;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra minn żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[24];

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippersisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni

---

[23] Ara App. Ċiv. **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo Gatt noe vs Camilleri pro et noe***
[24] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata)

tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[25]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[26];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan huwa l-aktar element kontroversjali u kontestat. Il-partijiet ressqu xhieda li ma taqbilx ma' ta' xulxin dwar meta twaħħlu x-xtiebi fuq il-post. Bħalma ingħad aktar qabel, din il-Qorti ma sabet l-ebda kontestazzjoni għal provi mressqa mill-attur dwar meta tqegħdu fil-post il-bibien tal-ambjenti t'isfel tal-villa, u dwar jekk dawn kinux jissakkru. L-attriċi ma ressqet l-ebda prova li xxejjen dawk imressqin minn żewgha dwar dan. Għalhekk hawn ukoll il-Qorti jkollha tillimita ruħha fuq il-provi dwar l-ambjenti ta' madwar il-villa;

Illi s-soluzzjoni ta' din il-kontroversja tiddependi minn apprezzament tal-provi mressqa;

Illi filwaqt li l-provi li ressaq l-imħarrek dwar meta saru x-xtiebi huma dokumentati u korroborati minn xhud "barranin", dawk imressqin mill-attriċi m'humiex preċiżi. Il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll li d-data li fiha l-imħarrek jgħid li twaħħlu x-xtiebi taqa' bi ftit jiem biss lil hinn mix-xahrejn li matulhom l-attriċi kellha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża. Huwa minnu li l-attriċi ppruvat tikkontesta l-awtentiċita' tad-'*delivery note*' maħruga minn John Benetti li "kumbinazzjoni" tpoġġi l-ftuħ tal-kawża prezenti tardiva bi tlett ijiem, imma dwar dan hemm il-fatt konfermat minn Benetti li jikkonferma li x-xtiebi waħħalhom hu u li dan ix-xogħol għamlu f'jum speċifiku;

Illi madankollu l-Qorti lanqas ma tista' toqgħod fuq it-tesi ta' l-attriċi illi dawk ix-xtiebi twaħħlu f'Marzu tas-sena

[25] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)
[26] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)

2000. Dan jingħad ukoll b'zieda mal-fatt li jaqa' fuq l-attur, f'kawża ta' spoll li juri lil-azzjoni tiegħu tkun inbdiet fiz-zmien meħtieg minn mindu jkun sar l-att spolljattiv u mhux minn dakinhar li jkun intebah bl-għamil li ċċaħħdu jew inaqqaslu l-pussess. Illi wara li qieset sewwa l-provi mressqin u l-mod kif dawn il-provi gew sostnuti taħt kontro-ezami, din il-Qorti tasal biex issib li, fuq grad ragonevoli ta' prova, dak li xehed l-imħarrek dwar meta twaħħlu x-xtiebi huwa aktar minnu u huwa msejjes bi provi ċirkostanzjali attendibbli;

Illi minħabba f'hekk il-Qorti jirrizultalha illi l-attriċi naqset li tressaq l-azzjoni tagħha fiż-żmien mogħti lilha skond il-liġi u għalhekk it-tielet element ewlieni tal-azzjoni tal-ispoll ma jirrisultax imwettaq;

Illi hu xieraq li jingħad li biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jeżistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed jew ġie mxellef;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li, f'dan il-każ, l-attrici ma seħħilhiex tipprova l-elementi kollha tal-azzjoni minnha mibdija kontra l-imħarrk żewġha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek;**

**Tiċħad għalhekk it-talbiet attriċi** bl-ispejjeż kontra tagħha u dan billi ma jikkonkorrux l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll ladarba ma saritx f'waqtha l-azzjoni tagħha.

---------------------------------TMIEM---------------------------------